

**Sentenza tat-Tribunal ghas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla)  
tat-13 ta' Diċembru 2007 — Soares vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-130/05) <sup>(1)</sup>

(*Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rikostituzzjoni tal-karriera — Nuqqas ta' rapport ta' evalwazzjoni — Eżami komparattiv tal-merti — Talba skond l-Artikolu 90 (1) ta' l-Istatut — Ammissibbiltà tar-rikors — Fatt ġdid u sostantiv*)

(2008/C 22/99)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Carlos Alberto Soares (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coenen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u K. Herrmann)

**Suġġett tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra (AIPN) tad-19 ta' Settembru 2005 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent intiż għal reviżjoni favorevoli tal-karriera tiegħu.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors għandu jiġi miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 60, 11.3.2006, p. 57.

**Sentenza tat-Tribunal ghas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla)  
tat-13 ta' Diċembru 2007 — Wandschneider vs  
Il-Kummissjoni**

(Kawża F-28/06) <sup>(1)</sup>

(*Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni — Rapport dwar l-iżvilupp ta' karriera — Proċedura ta' evalwazzjoni għall-2004 — Rikors għal annullament — Motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni*)

(2008/C 22/100)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Paolo Sequeira Wandschneider (Brussell, il-Belġju) [rappreżentanti: inizjalment G. Vandersanden u C. Ronzi, avukati, u wara G. Vandersanden, C. Ronzi u L. Levi, avukati]

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentanti: G. Berscheid u C. Berardis-Kayser, aġenti]

**Suġġett**

Minn naħa, l-annullament tar-rapport dwar l-iżvilupp tal-karriera tar-rikorrent fir-rigward tal-proċedura ta' evalwazzjoni għall-2004 u, min-naħa l-oħra, talba għall-ħlas ta' kumpens għal danni.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 121, 20.5.2006, p. 19.

**Sentenza tat-Tribunal ghas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla)  
tat-13 ta' Diċembru 2007 — Sundholm vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-42/06) <sup>(1)</sup>

(*Servizz pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni — Rapport ta' żvilupp ta' karriera — Eżerċizzju ta' evalwazzjoni 2004 — Għanġiet u kriterji ta' evalwazzjoni — Danni*)

(2008/C 22/101)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Asa Sundholm (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u M. Velardo, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Minn naħa, l-annullament tar-rapport dwar l-iżvilupp ta' karriera tar-rikorrenti għas-sena 2004 u, min-naħa l-oħra, talba għal danni

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rapport ta' żvilupp tal-karriera tas-Sinjura Sundholm stabbilit għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2004 huwa annullat.
- 2) Il-bqija tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija ordnata tbat i-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 131, 3.6.2006, p. 54.